MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 175/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**vs**

**Karl Johannes LUNDELL [ID. Nru. 50051(A)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fil-5 ta' Marzu, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' seba mija u tmenin euro u sebgha u ghoxrin centezmi ta' euro [€780.27] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' seba' mija u tmenin euro sebgha u ghoxrin centezmu (€780.27), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' l-internet, televizjoni u telefon, numru tal-kont A/C 40099666, moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ahhar kont u cioe mill-1 ta' Settembru 2009 kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta' Settembru, 2012, ta' nhar it-18 ta' Ottubru, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-18 ta' Ottubru, 2012 u l-fatt li l-intimat naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' seba mija u tmenin euro u sebgha u ghoxrin centezmi ta' euro [€780.27], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimat fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------